MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 660/1997/1

**Mary Pisani**

**Vs**

**Edward u Rose konjugi Mercieca;**
**U b'digriet tal-15 ta' Marzu 2000 gie kjamat fil-kawza**
**Gaetano Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fil-21 ta' Marzu 1997 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti illegalment u abbuzivament stallaw katusa ma' hajt illi kontigwu ghal sqaq propjeta` ta' l-attrici u b'hekk ghaddew l-istess katusa mill-ispazju sovrastanti l-imsemmi sqaq propjeta` taghha, liema katusa allura taghti ghal fuq l-isqaq propjeta` taghha;

Illi b'dan l-agir abbuziv il-konvenuti ikkommettew spoll ghad-dannu taghha;

Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati biex inehhu din il-katusa permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju 1997, huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuta ikkommettew spoll ghad-danni ta' l-attrici;

2. Tikkundanna lill-konvenuti biex inehhu minnufih il-katusa suriferita;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Marzu 1997 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-30 ta' Marzu 1998 fejn eccipew:

1. Illi t-talba hija perenta stante li l-katusa imsemmija twahhlet madwar sentejn ilu, fix-xhur tax-xitwa 1995/1996 waqt li c-citazzjoni giet ipprezentata f' Marzu 1997, aktar minn sena wara li saret il-katusa;

2. Illi minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-hajt il mieghu twahhlet il-katusa jappartjeni lill-konvenuti, kif jappartjeni lill-konvenuti l-isqaq in kwistjoni;

3. Illi dwar il-propjeta` ta' l-istess sqaq, gia jezistu proceduri fil-mertu, u cio'e fil-kawza fl-ismjiet Mary Pisani vs Edward Mercieca fejn l-attrici qed taghmel azzjoni rei

vindicatoria (cit. 75/92) fejn gew konkluzi l-provi u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija ghal kollox intempestiva;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-konvenut Edward Mercieca u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:

Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni peress li l-katusa twahhlet fix-xitwa ta' l-1995/1996 filwaqt li c-citazzjoni attrici giet ipprezentata f' Marzu 1997;

Illi l-attrici Mary Pisani fl-affidavit taghha xehdet li hija l-propjetarja tal-korp ta' bini bl-isem "Pisani Court", Zerafa Street, Marsa, izda ma tirrisjedix fih. Kontigwu ma dan il-korp ta' bini qalet li hemm sqaq li huwa ukoll propjeta` taghha. *"Jiena naf li Edward Mercieca wahhal katusa ma' hajt tieghu illi jaghti ghal go l-isqaq li huwa propjeta` tieghi u ghalhekk wahhal dil-katusa fl-ispazju ta' l-ajru li huwa tieghi u il-medda ta' din il-katusa jghaddi minn go propjeta` tieghi. B'hekk il-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront tieghi."* Qalet li saret taf b'din il-katusa meta infurmaha wiehed mill-inkwilini u imbaghad telghet fuq il-bejt biex tivverifika. Hija immedjatament kellmet il-konsulent legali taghha u baghtu ittra ufficjali datata 5 ta' Marzu 1997 lill-konvenuti. Meta rat li ma wiegbux fethu kawza ta' spoll fil-21 ta' Marzu 1997;

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu qal hekk *"Jien m'ghandi x'naqsam xejn mal-katusa in kwistjoni. Din il-katusa kienet antika hafna u kollha imsadda u kienet tiehu l-ilma tal-bejt tal-kamra ta' Gaetano Borg u titfghu fl-isqaq. Imbaghad*

*mill-isqaq kien jidhol fil-propjeta` tieghi."* Huwa qal li qabbad lil Gaetano Borg, li huwa propjetarju ta' garage f' Zerafa Street, Marsa biex jirranga l-katusa *"Jien ghidt lil Borg li jekk ried, seta' jghaddi l-katusa mill-bini tieghi biex flok titfa' fl-isqaq, titfa' l-ilma fil-bitha ta' Borg stess. Borg accetta u x-xoghol sar hekk. Dan ix-xoghol sar fix-xitwa ta' l-1995.";*

Illi Gaetano Borg (li gie ukoll kjamat fil-kawza, u huwa kontumaci) ikkonferma li wara l-garaxx tieghu ghandu bitha li fiha zewgt ikmamar propjeta` tal-konvenut u warajhom ghandu kamra ohra. *"Din il-kamra minn dejjem kellha katusa li tiehu l-ilma tal-bejt tal-kamra u titfghu fl-isqaq li hemm magenb il-kamra, il-kmamar ta' Mercieca u l-garaxx tieghi. Din il-katusa antika hafna, kienet tal-hadid u kienet immermra. L-ilma minn din il-katusa kien jaqa` fl-isqaq ta' magenb il-bini tieghi u ta' Mercieca u kien jishpicca jidhol fil-propjeta` ta' Mercieca."* Kien ghalhekk li iddecidew li jibdluha. Qal li ghamluha tal-plastic u minflok ma halliha wieqfa kif kienet, ghamilha diagonali minn fuq il-bejt tieghu ghal fuq il-kmamar ta' Mercieca u ghamilha titfa fil-bitha tieghu. *"Il-katusa ghamilniha aktar minn tlett snin ilu, fix-xitwa tas-sena 1995/1996.";*

Illi ghalkemm id-data ezatta ta' meta twahhlet din il-katusa ma gietx stabblita, kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamat fil-kawza xehdu fl-affidavit taghhom li kien fix-xitwa 1995/1996. L-attrici ma ressqet ebda prova kuntrarja ghal dan. Ic-citazzjoni saret fil-21 ta' Marzu 1997, jigifieri altru milli ghaddew ix-xahrejn rikjesti mil-ligi li fiha ghandha tigi intavolata kawza ta' spoll bhal ma hi din odjerna;

Illi jidher ghalhekk li l-azzjoni hi preskritta;

Illi l-Qorti ma tistax f'kull kaz ma taghmilx referenza ghad-decizjoni moghtija fl-24 ta' Mejju 2000 fil-kawza 75/92 DS fejn gie stabbilit li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova t-titolu taghha fuq l-isqaq in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici;

L-ispejjez jithallsu mill-attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------